MSIDA

# KUNSILL LOKALI MSIDA

Pjazza Menqa, Msida
Tel: 2133 4343 Fax: 2134 2424
www.msidalocalcouncil.com

| | |
|---|---|
| Riferenza: | Minuti tas-Seduta 03/K7/2013 |
| Data: | It-Tlieta, 30 ta' April, 2013 |
| Post: | Ufficcju Amministrattiv<br>Pjazza Menqa, Msida |
| Hin: | 5.30 p.m. |

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Sindku | Sinjorina Margaret Baldacchino Cefai |
| | Viċi Sindku | Dr Alex Sciberras |
| | Kunsilliera | Sur Lino Bartolo |
| | | Sur Maurice Agius |
| | | Sur Alan Abela Wadge |
| | | Sur Charles Selvaggi |
| | | Sur Matthew Agius |
| | | Sinjura Romina Galea |
| | | Sur Emanuel Brincat |
| | Segretarju Ezekuttiv: | Sinjura Marita Portelli |

## AGENDA

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppubblikat il-Ħamis, 25 ta'April, 2013. L-Aġenda kienet hekk:

1. Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 01/K7/2013.
2. Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 02/K7/2013.
3. Materji mill-Minuti.
4. Korrispondenza.
5. Approvazzjoni tal-pagamenti tal-kontijiet.
6. Kumitat Amministrattiv tas-Swatar.

7. Approvazjoni tal-Minuti mill-Kumitati u Sotto-Kumitati.
8. Proġett ta’ Tisbiħ quddiem stabiliment privat ħdejn il-‘Junior College’
9. Skema ta’ Parkeġġ għar- Residenti tal-Lokal
10. Gabbani ta’ żmien il-Festa
11. Affarijiet oħra jekk urgenti.
12. Aġġornament.

| Seduta Numru 03/13 |
|---|

031 Is-Sindku fetħet il-laqgħa b’talba.

**1. Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 01/K7/2013.**

032 Il-minuti tal-ewwel laqgħa tressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

033 Is-Sur Charles Selvaggi semma li waqt din il-laqgħa l-Viċi Sindku kien saqsa jekk ir-rappreżentanti tal-PN għandhomx xi suġġetti partikolari li jridu jresqu fil-laqgħat tal-Kunsill. Hu qal li hu semma li il-prioritajjiet tagħhom matul din il-leġislatura huma r-‘Residential Parking Scheme’ u l-problema ta’ l-iskart.

034 Ġie deċiż li din l-amenda se titniżżel mal-minuti bħala Nru 019B.

035 Il-minuti ġew approvati mill-Kunsill u ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju.

**2. Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 02/K7/2013.**

036 Dawn il-minuti kienu approvati mill-Kunsill mingħajr ebda tibdil u ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju.

**3 Materji mill-Minuti.**

037 Fuq minuta 027, Il-Kunsillier Lino Bartolo informa lill-Kunsill li hu kien iltaqa maż-żgħażagħ imsemmija u għamlu ‘dummy’ tal-colouring book li semmew f’din il-laqgħa biex intalbu xi kwotazzjonijiet.

## 4 Korrespondenza

038 41/0249 – Tressqet talba mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali biex kull Kunsill jinnomina xi żgħażagħ biex jieħdu sehem f'proġett li ser isir f'Lulju fir-Repubblika Ċeka. Issemmew xi żgħażagħ li huma attivi fil-lokal pero hemm id-dubju jekk dawn ikunux interessati li jieħdu sehem peress li din l-attivita' ser issir fil-ġimgħa tal-Festa. Il-Kunsilliera ġew mistiedna jinformaw is-Segretarju Eżekuttiv b'xi zgħazgaħ li jkunu interessati li jieħdu sehem f'dan il-proġett.

039 41/0252 – Il-Kunsill irċieva Mistoqsija Parlementari dwar id-data tal-laqgħa Ġenerali Annwali fil-lokal. Din is-soltu issir f'Marzu pero, din is-sena, minħabba l-elezzjoni u, minħabba ukoll li l-Kunsill kien mingħajr Segretarju Eżekuttiv din il-laqgħa kien għadha ma saritx. Ġie deċiż li din il-laqgħa ssir nhar it-23 ta' Mejju 2013 fis-6.00pm.

040 41/0118 – Tressaq rapport ta' Ms Theresa Sullivan li tablet li l-Kunsill ikopri l-ispejjeż ta' żewġ roti (tan-naħa tas-sewwieq) tal-karozza tagħha li ċċartu meta għaddiet minn ħofra f'Rue D'Argens. Il-Kunsill qabel li jkopri dawn l-ispejjeż.

041 41/0210 – Tressaq rapport ta' Luke Vassallo li talab lill-Kunsill iħallas l-ispiża ta' €800 fi ħsara fuq il-vettura tiegħu minħabba tappiera li għoliet meta għadda minn fuqha fi Triq il-Kunżar. Il-Kunsilliera qablu li jiġi kkonfermat jekk it-tappieri tat-toroq jaqgħux taħt ir-responsabbilita' tal-Kunsill jew inkella tat-TM. F'każ li jiġi kkonfermat li huwa kompitu tal-Kunsill il-Guard and Wardens jiġu mitluba jagħtu rapport fuq x'sabu meta marru fuq il-post. Ġie deċiż ukoll li s-Segretarju Eżekuttiv tiċċekkja jekk kienx hemm xi rapporti ta' xi tappieri jiċċaqalqu f'din it-triq.

042 41/0242 – Resident ta' Triq Pinċipessa Margerita kiteb lill-Kunsill biex jitlob xi tip ta' permess għall-karozza personali tiegħu u anke dik tax-xogħol biex ikun jista jipparkja fi Triq Prinċipessa Margerita minħabba li hu għandu propjeta' f'din it-triq u ġieli joqgħod fiha. Il-karta ta' l-identita' tiegħu turi li huwa residenti l-Mosta. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li jekk jaċċetta din it-talba ser ikun qed jinħoloq preċedent u għalhekk il-Kunsill qabel li s-Sur Debono għandu jiġi nfurmat li l-permess ma jkunx maħruġ fuq karozza iżda fuq ir-resident, li l-permess jingħata fuq vettura wħada biss u li l-permess jistgħa jingħatalu jekk l-indirizz fuq il- Karta ta' l-Identita' tiegħu jkun l-indirizz tal-propjeta' li għandu fi Triq Prinċipessa Margerita.

043 41/0212 – Tressqet talba ta' 'The Maltese Fellowship of Narcotics Anonymous' biex jagħmlu użu minn xi 'U Bars' fil-lokalita' biex jippromovu ħajja mingħajr użu u/jew abbuż ta' xi sustanzi. Is-Segretarju Eżekuttiv

ressqet lista ta' bollards fil-lokalita' u l-Kunsill ikkonferma li hemm tnejn (2) minnhom li jinsabu fi Triq Mons Dandria kantuniera ma' Triq ix-Xatt ta' Xbiex li jistgħu jinkrew għal dan l-iskop. Il-Kunsill qabel li jsir eżerċizzju biex jiġu identifikati xi postijiet oħra fejn jistgħu jitwaħlu dawn il-'U Bars' u qabel ukoll li s-Segretarju Eżekuttiv għandha tara li qed tinġabar l-kirja fuq dawk kollha li qed jintużaw.

044 Is-Segretarju Eżekuttiv resqet talba ta' l-artist Ġermaniż Chris Langer biex jiddesinja l-ħajt li hemm faċċata tal-Kunsill. Dan il-ħajt inbena madwar l-art tal-Awtorita' tad-Djar meta ġie deċiż li l-proġett li kien ippjanat għal hemmhekk ġie pospost. Id-disinn propost intwera lill-Kunsilliera u s-Segretarju Eżekuttiv ipproponiet li jsir xi disinn li jkun marbut b'xi mod ma' l-Imsida. Il-Kunsill qabel li din il-proposta hija waħda interssanti pero talbu li s-Segretarju Eżekuttiv tiċċekja mal-Awtorita' tad-Djar fuq il-pjanijiet tagħhom għal din l-art, talbu wkoll li issir riċerka fuq il-fondi li l-artist qed jghid li ser igib, minħabba li l-Kunsill m'għandu l-ebda awtorizzazzjoni fuq il-ħajt u s-Sur Matthew Agius semma li hu importanti li jiġu kkonfermati l-obligazzjonijiet tal-Kunsill fir rigward ta' dawn il-fondi. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tiġbor aktar informazzjoni u tressaq din il-materja f'laqgħa oħra.

045 41/0247 - Il-Viċi Sindku informa lill-Kunsilliera li din l-ittra intbagħtet lill-Awdituri, flimkien mal-kopji tal-Istimi Finanzjarji tal-2012 li ġew approvati fil-laqgħa li għaddiet. Ġie spjegat li din l-ittra hija 'template' li l-Awditur jitlob l-approvazzjoni tagħha mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni.

046 Il-Viċi Sindku saqsa fuq il-Korrespondenza li rċivejna mill-Invicta. Is-Sindku informatu li din kienet minħabba il-Bring In Sites u ġiet solvuta.

047 41/0204 - Il-Viċi Sindku irrefera għal din l-ittra mill-Greenpak u ssuġreixxa li ssir laqgħa magħhom.

048 41/0244 – C Selvaggi ġibed l-attenzjoni tal-Kunsilliera fuq din l-imejl u s-Sindku qalet li hemm problema f'din it-triq (Triq Sant' Andrija) għax xi residenti qed jiżbħu l-linji bojod b'żebgħa sewda. Hi ssuġġeriet li titlob rapport formali mingħand is-sur Brincat (TM) fuq xi jridi isir f'din it-triq skont il-proċeduri, u li mbad ir-residenti jiġu nformati skont ir-rapport tiegħu. Il-Kunsill qabel.

049 41/0256 - C Selvaggi rringrazzja lis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv fuq l-azzjoni fil-pront li ttieħdet fuq ir-rapporti ta' l-iskart. Issemmew ukoll l-azzjoni li ttieħdet fuq Triq Zakkew u iġibdet l-attenzjoni fuq korrespondenza li rċieva l-Kunsill fuq kontravenzjoni maħruġa fi Triq San Alwiġi. Il-Kunsill jifhem il-problema tas-sinjorina Caruana pero qabel li din mhix skuża biex wieħed joħroġ iż-żibel f'ħinijiet li mhux stipulati. Il-Kunsill

qabel pero li trid tinstab xi tip ta' soluzzjoni għal din il-problema u C Selvaggi semma li forsi l-Ġimgħa ta' l-iskemel jgħaddi aktar tard wara nofs in-nhar. Din il-materja għadha trid tiġi diskussa u l-Kunsilliera ntalbu jagħmlu s-suġġerimenti tagħhom.

050 C Selvaggi ġibed l-attenzjoni fuq raġel li qed jgħix barra fi Triq il-Ħriereb u wera x-xewqa li dan jiġi avvinċinat mill-Kunsill jew minn xi għaqda bħall-Aċċess / Appoġġ biex jingħata l-għajnuna li għandu bżonn.

051 M Agius wera x-xewqa li l-Kunsilliera jkunu aġġornati fuq ix-xogħol li qed isir mill-'Green Wardens'. Semma ukoll li sal-laqgħa li jmiss għandha ssir laqgħa mal-Pulizija biex il-Kunsill ikun informat bis-servizz li joffru pulizija pajżana ħalli jekk dan is-servizz ikun wieħed effiċjenti dan jibda jintuża mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel li s-Sur Soler jintalab jagħti 'feedback' u s-Sindku wriet rapport li qed jintbagħat regolari. Il-Kunsill qabel ukoll li ssir il-laqgħa mal-Pulizija kif propost.

052 C Selvaggi għamel referenza għall-*Bye Law* tal-ħammiem u semma li għandu informazzjoni li l-persuna li qed titma lill-ħammiem qed tagħmel dan fil-5.30 ta' fil-għodu. Hu talab biex din l-informazzjoni tingħata lill-'Wardens'. Is-Sur Matthew Agius semma li il-Kunsill preċidenti kien għaddej b'diskussjonijiet mad-Dipartiment tal-Agrikoltura biex tissolva l-problema tal-ħammiem. Il-Kunsill qabel li jkompli għaddej b'dawn id-diskussjonijiet ma' l-MRRA u anke fil-laqgħat tal-Kunsill.

053 Is-Sindku resqet talba għal 'Loading/Unloading Bay' mingħand sid ta' ħanut tal-laħam fi Triq il-Knisja. Ġie deċiż li tintbagħat ittra lit-TM biex tinkiseb il-proċedura u r-regolamenti fuq meta għandha tingħata 'Loading/Unloading Bay'.

**5 Approvazzjoni tal-pagamenti tal-kontijiet.**

054 Skeda tal-pagamenti pendenti ġew imressqa lill-membri tal-Kunsill.

055 Ġie deċiż li minħabba li l-Kunsill għadu ma ngħatax l-allokazzjoni ta' din is-sena l-pagamenti kollha jiġu approvati apparti dawn li ġejjin: 45-48, 66-67, 72, 113-114 u 118.

056 Ġie mitlub li jinġabar aktar informazzjoni fuq pagament numru 72.

057 Il-Pagamenti bin-numri 109-112 ġew approvati pero l-Kunsill qabel li dawn għalissa għandhom jitħallsu parti biss minnhom (part-payment).

058 Fuq il-pagament numru 117 għad iridu jsiru xi verifiki minħabba li kien hemm ftehim ma' sid l-istabiliment West End fuq il-madum (għax għażel madum hu u ħareġ id-differenza fil-prezz) u l-Kunsill irid ikun ċert li dawn il-flus jingħataw lilu u mhux jibqgħu għand il-kuntrattur.

059 Is-Sur A Abela-Wadge semma li in-Nursery ta' L-Imsida St Joseph kellhom approvazzjoni mill-Kunsill preċedenti ta' €2,000 għal 'Funday' li kellha ssir b'kollaborazzjoni bejn iż-żewġ entitajjiet. Is-Sindku tablet li jiġu ppreżentati l-irċevuti biex ikun jista jsir il-ħlas. (Alex)

## 6 Kumitat Amministrattiv Swatar

060 Ic-Chairperson tal-Kumitat tas-Swatar kienet preżenti fil-laqgħa u semmiet il-punti li ġejjin.

061 Ic-Chairperson qalet li għadhom għadejja bil-kwistjoni tal-grada tal-Bandli tas-Swatar.

062 Ic-Chairperson semmiet li hemm ċint tal-Kunsill li qed jagħti aċċess fuq il-bejt tas-substation ta' l-Enemalta u xi tfal qed jitilgħu fuq il-kamra u dan jista' jkun ta' periklu. Is-Sur E Brincat ser iġib stimi tax-xogħol li jrid isir biex dan iċ-ċint ma jibqax jagħti dan l-aċċess.

063 Ic-Chairperson semmiet li qed isiru diskussjonijiet biex tinbidel id-direzzjoni ta' Triq Mons Arturo Bonnici. L-Kunsilliera qablu li jekk ser jinbidlu xi toroq irid isir studju serju u mhux tinbidel id-direzzjoni ta' triq għax xi resident isib oġġezzjoni. Ic-Chairperson semmiet li qed isir xi studju minn xi Periti flimkien mal-Kunsill ta' Birkirkara pero' l-Kunsilliera sabu oġġezzjoni li dan il-proġett qed jitmexxa mill-Kunsill ta' Birkirkara. Kullħadd qabel li l-Kumitat tas-Swatar għandu jagħmel evalwazzjoni tat-toroq kollha (u mhux biss dawk li huma fil-boundaries ta' Birkirkara) u jagħmlu l-proposta tagħhom liż-żewġ Kunsilli għall-approvazzjoni. Is-Sna Mifsud, fil-fatt ikkonfermat li huma ser ikunu assistiti minn Perit mit-TM.

064 Is-Segretarju Eżekuttiv resqet ittra u pjanta li l-Kumitat tas-Swatar xtaq iqassam lir-residenti tal-lokal fuq xi tibdil li sar fit-toroq. Il-Kunsilleria ma qablux li din għandha titqassam. Xtaqu li tintbatilhom kopja biex jarawha aktar fid-dettal.

065 Is-Segretarju Eżekkutiv resqet lista ta' xogħlijiet li il-Kumitat Aministrattiv qed jipproponi li jsiru. Dawn huma:

- Triq Balliju ta' Gutenberg – grif tan-naħa t'isfel tat-triq

- Triq Ġuseppi Calleja – tiżdied No Entry sign
- Triq is-Swatar – Stop sign ġdida
- Triq is-Swatar – jitkompla 'railing' li hemm
- Tabelli tal-ħmieġ tal-klieb
- Skip tal-ħmieġ tal-klieb

Is-Sur E Brincat ser iġib stimi tax-xogħol li jrid isir biex jitressqu għall-approvazzjoni tal-Kumitat.

066 Il-Viċi Sindku informa lill-Kunsill li saret laqgħa mar-residenti ta' Fingest Flats dwar xi ilmenti li kellhom u informa liċ-Chairperson tal-Kumitat tas-Swatar li dawn ir-residenti ma kienux jafu b'dan il-Kumitat. Huwa ħeġġeġ lill-Kumitat biex jagħmlu kuntatt magħhom.

067 Is-Segretarju Eżekuttiv resqet il-pagamenti tas-Segretarju tal-Kumitat tas-Swatar għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Dawn ġew approvati, pero l-Kunsill qabel li għandha ssir komunikazzjoni mad-Dipartiment rigward xi żieda fl-allokazzjoni minħabba dawn il-ħlasijiet.

## 7 Approvazjoni tal-Minuti mill-Kumitati u Sotto-Kumitati

068 KUMITAT TA' L-OFFERTI: Is-Segretarju Eżekuttiv resqet il-Minuti tal-laqgħa tal-Kumitat ta' l-Offerti (23 ta' April 2013) għall-approvazzjoni tal-Kumitat. F'din il-laqgħa ġie deċiż li jintgħażel il-QS Alexander Busuttil. Inqraw ir-raġunijiet li waslu għal din id-deċiżjoni. Il-Viċi Sindku ressaq dawn il-minuti għall-approvazzji. Il-Kunsill approva dawn il-Minuti.

069 SOTTO KUMITAT GĦALL-ĦIDMA FOST L-ANZJANI U PERSUNI BI BŻONNIJIET SPEĊJALI: Tresqu l-minuti ta' dan il-Kumitat miċ-Ċermen Lino Bartolo. Iċ-Ċermen semma li l-kumitat diġa ġab xi stimi biex tkun tista tintbgħat 'birthday card' lill-anzjani kollha u li biex ikopru l-ispejjeż ta' din l-inizjattiva ser iżidu l-prezz tal-ħarġiet b'ewro. Hemm ppjanat ukoll li darba fix-xahar issir attivita' għal dawk li kellhom il-'birthday' matul dak ix-xahar. Huwa kompla billi ta' xi dettalji mill-minuti tas-sotto kumitat. Ser isir riċerka mill-Kumitat biex jiġu identifikati n-numru ta' nies bi bżonnijiet speċjali li hawn fl-Imsida u anke informa lill-Kunsill bil-ħarġiet li ser isiru matul dan is-sajf. Semma ukoll li saret laqgħa mal-Kap ta' l-iskola primarja St Tereża biex, fis-sena skolastika li jmiss, titneda l-iskema ' Adotta Nanna/Nannu. Din l-iskema ser tgħin lit-tfal biex isiru jħobbu aktar lill-anzjani u li l-anzjani jkollhom min jgħinhom kuljum. L-Kap ta' l-iskola laqgħet il-proposta tal-Kumitat b'mod pożittiv. Temm id-diskors tiegħu billi semma li l-anzjani xtaqu li jkollhom xi korsijiet ta' tgħalim (ganutell, kompjuter, eċċ) u li l-Kunsill jista jimxi id f'id mad-Day Centre biex ikun jista jagħmel dan.

070 Is-Sindku semmiet li kienet tkellment mas-Sindku ta' Tax-Xbiex biex l-anzjani tagħhom jibdew jattendu d-Day Centre ta' L-Imsida. Issemma li din l-istedina tista tkun estiża għall-anzjani tal-Pieta' wkoll. Is-Sur L Bartolo qal li fid-Day Centre qed jattendu ma' l-20 anzjan/a u hemm potenzjal ta' 40.

071 C Selvaggi saqsa dwar jekk teżistix xi statistika dwar l-anzjani li hemm fil-lokalita'. Issemma r-Reġistru Elettorali. Intqal ukoll li fl-Imsida hemm reġistrati 1800 anzjan/a.

072 R Galea ssuġġeriet li tkun attivita' sabiħa li kieku tiġi organizzata ħarġa biex l-anzjani ta' l-Imsida jżuru xi anzjani oħra mill-Imsida li issa qegħdin f'Home. Din tista ssir matul il-ġimgħa tal-Festa.

073 Maurice Agius semma li hemm il-ħsieb li jingħata xi għajnuna lil persuna partikolari bi bżonnijiet speċjali biex fil-għodu jniżżluh isfel fid-dar tiegħu u fil-għaxija jerġgħu jtellgħuh.

074 8:00pm - Minħabba impenji oħra is-Sindku kellha toħroġ mill-laqgħa u kompla jippersiedi l-laqgħa l-Viċi Sindku Dr Alex Sciberras.

075 INFRASTRUTTURA: Is-Sur E Brincat semma, li rigward ix-xogħol li hu responsabbli minnu hu, ser jibda jiltaqgħa ma' Joe Demarco u Louis Dimech kull nhar ta' Ġimgħa biex jiġi ppjanat kif jista jsir ix-xogħol bl-aħjar mod.

076 INDAFA: Is-Sur Maurice Agius informa lill-Kunsill li saret laqgħa mal-Kuntrattur SRF Cleaning Services u anke ma' tal-Green MT fil-preżenza tas-Sindku. Ma' L-SRF ġew diskussi xi problemi rigward il-ġbir ta' l-iskart u anke inġibdet l-attenzjoni li min qed jiġbor l-iskart mhux qed jilbes is-sidrija tal-Kunsill. Is-Sur Maurice Agius ġibed l-attenzjoni ta' wieħed mill-ħaddiema huwa stess. Ma' tal-Green MT sar ftehim fuq il-ħlas dovut lill-Kunsill. Fil-fatt is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat li rċeviet pagament ta' €4000 illum, u s-Sur Maurice Agius qal li l-bilanċ ta' €6000 għandu jitħallas fis-sitt (6) xhur li ġejjin. Tal-Green MT anke ser jagħmlu 'Questionnaire' mar-residenti biex jieħdu l-opinjoni tagħhom dwar il-ġranet u ħinijet tal-ġbir ta' l-iskart, eċċ. Is-Sur Maurice Agius qal li l-Green MT għandhom jibgħatu 'draft' ta' dan il-'questionnaire' lill-Kunsill għall-approvazzjoni. Is-Sur Matthew Agius xtaq li Maurice Agius jikkonferma li l-informazzjoni li tinġabar tkun kunfidenzjali, u anke tkun tista tinżamm mill-Kunsill. Xi materji oħra li għadhom iridu jiġu diskussi huma l-ġbir tal-ħġieġ (ġurnata waħda fejn jinġabar il-ħġieġ), u servizz ta' ġbir ta' ħwejjeġ.

077 Gie kkonfermat ukoll li minħabba xi xogħlijiet li riedu jsiru fil-viċinanzi il-Bring in Site ta' ħdejn il-Junior College ser jiċċaqlaq temporanjament fil-limiti tal-Ħamrun. Is-Sindku għaddejja f'diskussjonijiet mas-Sindku tal-Ħamrun fuq dan l-arranġament.

078 Il-Kunsill irringrazzja lis-Sur Maurice Agius u lis-Sindku ta' l-inizjattiva tagħhom u talli nġabret parti minn somma li ilha dovuta mill-2009.

079 KUMITAT TAS-SAJD: Is-Sur Matthew Agius ta sommarju tal-punti li ġew diskussi fil-Kumitat tas-Sajd li fih hemm rappreżentanza tal-Kunsill. Il-punti msemmija kienu dawn:

- Id-data tal-Laqgħa Ġenerali Annwali għad trid tiġi kkonfermata
- Il-proċess miexi tajjeb bir-reġistruli ngħata mill-Kunsill.
- L-importantza li l-i*slipway* jibqa jinżamm nadif
- Minħabba t-tibdil tal-Ministeri, għandu bżonn isir 'follow up' mal-Ministeru ġdid kkonċernat minħabba s-Service Pillar. Din ser tkun qed tieħu ħsiebha s-Sindku.

## 8 Proġett ta' Tisbiħ ħdejn il-Junior College

080 Il-Kunsill ingħata dettalji u ġie muri pjanti fuq kif qed jipproponi li jirranġa quddiem il-ħanut tiegħu persuna li għandu stabilliment ħdejn il-Junior College. Dan kollu ser isir bi spejjeż tiegħu u bil-permessi neċessarji. Ġie spjegat li parti minn din l-art ser tiġi pavementata, pero is-siġar kollha ser jibqgħu hemm u ser ikun hemm 'hedge' mad-dawra. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta pero' dan il-qbil huwa suġġett għal dawn il-kundizzjonijiet li ġejjin:

- Ma jitħallewx imwejjed barra wara l-11 ta' bil-lejl, dan biex ma jkunx hemm storbju barra li jista joħloq inkonvenjent għar-residenti ta' l-inħawi;
- L-indafa hija responsabbilita' ta' sid l-istabiliment u l-post irid jinżamm nadif f'kull ħin;
- Sid l-istabbiliment hu responsabbli li jagħmel il-'bins' hu;
- Il-ħadid li mhux ser jintuża jerġa jinġabar mill-Kunsill għax dan propjeta' tal-Kunsill;
- Ma jkunx hemm xorb alkoħoliku barra (skont il-liġi u l-bye law tal-lokall);
- Jitħalla passaġġ dejjem;
- Jitħarsu l-kundizzjonijiet magħmula minn dipartimenti / entitajjiet oħra (eż TM, MTA, Lands)
- Jekk sid l-istabiliment jonqos f'xi waħda mill-kundizzjonijiet magħmula jeħel multa jew inkella tinżamm garanzija bankarja.

## 9 Skema ta' Parkeġġ għar-Residenti

081 Il-Viċi Sindku fetaħ id-diskussjoni billi semma li kien sar studju dettaljat dwar din l-iskema li llum għandu bżonn jiġi rivedut biex ikun aġġornat għall-bżonnijiet tal-lum. Semma ukoll li fil-laqgħa li saret mal-Ministru Joseph Mizzi, minħabba li qed tiġi evalwata l-proċedura u l-kundizzjonijet ta' din l-iskema, l-Kunsill ingħata l-parir biex ma jgħaġġilx biex jimplimenta din l-iskema. Għalhekk issuġġerixxa li l-Kunsill għandu juża dan iż-żmien biex jorganizza laqgħat ta' konsultazzjoni mar-residenti tal-ħames żoni ta' l-Imsida.

082 Is-Sur C Selvaggi u s-Sur E Brincat issuġġerew li s-Sur Joe Demarco jevalwa l-bżonnijiet ta' kull triq.

083 Ġie deċiż li din l-iskema tiġi implementata żona żona, u li ma jinqabżux xi toroq biex jinqeda xi resident. Kullħadd irid jifhem (u jkun imfiehem) li l-iskema, fl-aħħar, se tiġi implementata pero kullħadd jridi jistenna li jkun imiss it-triqat fiż-żona tiegħu. Sar qbil ukoll li l-Kunsill ser jagħmel 'target' li sa l-aħħar ta' din is-sena din l-iskema trid tiġi implementata u l-Kunsilliera ġew mistiedna jevalwaw, u jitgħallmu minn, l-iżbalji ta' lokalitajjiet oħra u ġew imfakkra li r-resident huwa prijorita' pero' n-negozjant ma jistax ikun minsi.

084 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekkuttiv ser jieħdu ħsieb jorganizzaw il-laqgħat mar-residenti ta' kull żona.

## 10 Gabbani tal-Festa

085 Il-Viċi Sindku tkellem mal-membri tal-Kunsill fuq kif jiġu mqassma l-Gabbani fi żmien il-Festa. Hu ressaq din il-materja biex jinforma lill-Kunsilliera biex jippreparaw l-informazzjoni li għandhom bżonn biex din il-materja tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

086 Is-Segretarju Eżekuttiv ser tqassam kopja tal-liġi u informazzjoni dwar fejn qed jkun hemm il-gabbani.

087 Is-Sinjura R Galea semmiet li kien hemm 'complaint' mill-Hairdresser ta' ħdejn il-Knisja li tal-qubbajd qed iħammeġ fiż-żona ta' fejn hu armat, u anke fil-propjeta' tagħha. Ġie deċiż li din is-sena tinġibidlu l-attenzjoni fuq din il-ħaġa.

## 11 Affarijiet oħra jekk urġenti

088 Issemmiet l-attivita' tal-Ġostra li ser issir fis-19 ta' Mejju. Il-Kunsill qabel li jkun hemm Ambulanza fuq il-post. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tikkuntatja lil St John Ambulante jew tar-Red Cross biex jiġi bbukjat dan is-servizz.

089 F'laqgħa mar-residenti ta' Mons Innocenz Zammit intalbet skip ieħor f'din it-triq minħabba li s-sistema ta' skip qed taħdem tajba f'din iż-żona. Il-Kunsill qabel li ssir skip ieħor bi prova.

090 Issemmiet il-bżonn li issir laqgħa mar-residenti ta' Triq Giorgio Mitrovitch. Din trid issir wara s-7.00pm u hemm xi ħames familji b'kollox li jgħixu f'din it-triq.

091 C Selvaggi semma li hemm problema fi Triq Censu Farrugia minħabba l-ħofra u l-crane li hemm. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekkuttiv ser jikkuntatjaw lil TM biex jingħataw spjega fuq li qed jiġri f'din iż-żona.

092 C Selvaggi semma il-ħażna tal-fuel' tal-AVIS u talab li xi dipartiment tal-Gvern għandu jintalab jipprovdi ċertifikat lill-Kunsill li il-materjal li qed jiġi maħżun ma hu ta' l-ebda periklu. Semma wkoll il-problema ta' parking fiż-żona li qal li għandha tiġi solvuta fl-iskema tal-ipparkeġġiar tar-residenti.

093 Issemmiet il-problema fit-triq tal-Vivien Commercials u il-Kunsill qabel li qed jinħoloq inkonvenjent f'din it-triq u li xi ħaġa trid issir. Issemma li kien hemm ftehim ma' l-owner tal-Vivien Commercials li dan pero ma żammx miegħu. Il-Kunsill qabel li ssir laqgħa mas-supritendent tat-traffiku biex jingħata parir lill-Kunsill fuq x'azzjonijiet jistgħu jittieħdu.

094 Is-Sur Matthew Agius ġibed l-attenzjoni li fi Triq Brockdorf kantuniera ma Triq Schranz qed ikun hemm xi ħaddiema li joħorġu barra mill-uffiċċju għall-brejk tagħhpm (anke matul il-lejl għax il-kumpanija tkun miftuħa 24 siegħa) u qed iħallu xi ħmieġ fit-triq. Ġie deċiż li s-Segretarju Eżekuttiv tikteb lil din il-kumpanija biex tiġbdilhom l-attenzjoni fuq l-inkonvenjent li qed jinħoloq u tavżawhom biex iżommu ż-żona nadifa.

095 Faċċata tal-Kunsill hemm art tal-Awtorita' tad-Djar li hija proġettata għall-blokk flatijiet. Il-Kunsill iddeċieda li jikteb lill-Awtorita' biex jitlob, li sakemm din l-art tkun ser tintuża l-Kunsill jagħmel użu minn din l-art (ġnien jew parkeġġ per eżempju). Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tikteb lill-Awtorita' tad-Djar.

096 Il-Kunsill qabel li għandu bżonn jitfassal pjan tat-toroq li għandhom bżonn isiru. Il-Viċi Sindku semma li diġa qed issir xi riċerka biex dawn jiġu inklużi

fil-Business Plan tal-Kunsill. Huwa qal li x-xogħol li jista jsir jiddependi fuq l-allokazzjoni li ser tingħata lill-Kunsill.

097 Kien hemm problema fuq id-daqs ta' kaxxa safra li saret fi Triq Victor Denaro. Din ġiet imkabbra b'nofs metru. Is –Sur Emanuel Brincat għandu jiċċekkja li d-daqs huwa skont il-liġi.

098 Il-Viċi Sindku tkellem fuq is-Sistema tal-Customer Care fil-Kunsill u qal li ser jindaga dwar sistema ta' proċessar ta' complaints u follow ups fejn l-individwu li jkun ressaq il-complaint ikun jista jiċċekja fiex waslet il-complaint tiegħu. Semma wkoll li fil-ġimgħat li ġejjin ser jibia jkun hemm tip ta' internal audit biex jiġi identifikat ix-xogħol li hemm fil-Kunsill u l-aħjar mod li dan jista jitqassam fost il-ħaddiema.

099 Il-Kunsilliera wrew ix-xewqa li meta xi resident jistaqsi għalihom personali jingħataw in-numru tal-mobile tagħhom jew inkella jintbagħtilhom email bit-dettalji tar-resident.

100 Is-Sur L Bartolo semma li l-GWU ta bi €320 pjanti lill-Kunsill biex jitpoġġew ħdejn il-monument. Il-Kunsilliera ġew informati wkoll li ġew tal-MCSD biex jagħmlu xi tiswijiet fuq l-monument u bħalissa l-Kunsill qed jistenna l-istima tax-xogħolijiet li hemm bżonn.

101 Is Sur Bartolo semma ukoll li fil-ġnien ta' quddiem il-Knisja hemm xi materjal li għandu jitneħħa mill-kuntrattur ħalli jkunu jistgħu jsiru l-fjuri. Semma wkoll li hemm tlett arbli li għandhom bżonn jinżebħu biex jitwaħlu l-bnadar. Is-Sur E Brincat semma li l-Kunsill irid joqgħod attent minħabba l-ispejjeż li jagħmel f'tiżbieħ meta hemm xogħol ta' tiswija infrastrutturali li huwa importanti wkoll li jsir. Is-Sur Bartolo kompla billi qal li ġab tlett kwotazzjonijiet u li ser jiffranka l-flus minħabba li qed jippjana li jixtri d-drapp u jħit il-bnadar għand ħajjat.

102 Fil-ġnien hemm ukoll gazebo li irid isir id-dawl magħha bħal ma kien qabel. L-ispiża hija ta' €160. Is-Sur C Selvaggi saqsa jekk hux legali li tħallsu xi kumpanija u nagħmlu tabella li tgħid li din ġiet 'Sponsored by …'. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tiċċekja fuq din il-possibilita'.

103 Is-Sur Bartolo semma l-ilma maħmuġ li hemm fil-fontana ta' Triq Victor Denaro u ġab kwotazzjoni għall-pompa li tiswa €316 din titbattal u anke tkun tista tintuża għal xi bżonnijiet oħra tal-Kunsill. Il-Kunsill approva li jiġi ordnat bowser, li jiswa €30 biex din il-fontana titbattal, u issir lista tal-għodda li għandhom bżonn il-ħaddiema tal-Kunsill. Din mhux biex jinxtara kull ma jkun qed jintalab, pero biex il-Kunsill ikun jaf x'hemm bżonn u jixtri l-aktar importanti.

104 Il-Viċi Sindku temm il-laqgħa billi nġbidet ftit l-attenzjoni tal-Kunsilliera li jkun aktar effiċjenti għal kulħadd jekk issir aktar preparazzjoni fuq il-materji li jkunu jridu jiddiskutu qabel jiġu fil-laqgħa. Stieden lill-Kunsilliera biex jagħmlu kuntatt mas-Segretarju Eżekuttiv biex jekk hemm bżonn isir xi xogħol, jew riċerka qabel il-laqgħa din tkun tista ssir.

105 Gie deċiż li l-laqgħa li jmis ser issir nhar it-Tlieta 28 ta' Mejju fil-5.30pm.

106 Il-laqgħa ġiet aġġornata fid-9:11pm.

Approvati llum ____________________

_____________________________
Margaret Baldacchino Cefai
Sindku

_____________________________
Marita Portelli
Segretarju Eżekuttiv